# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 6 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 1740/97**

**Numru 30**

**Dennis Borg f'ismu propju u esercenti l-kummerc bl-isem tad-ditta John Meli & Co**

**vs**

**Martin Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur fil-kwalitajiet tieghu premessi talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' Lm106.95,0 (mija u sitt liri u hamsa u disghin centezmu) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti spejjez u danni sofferti fil-vettura tal-attur numru IAE-971, liema danni gew kawzati mill-konvenut volontarjament f'Jannar 1997 meta l-konvenut ta' daqqa ta' sieq waqt li l-istess vettura kienet ipparkeggjata hdejn il-propjeta tal-konvenut.

Bl-imghax legali mid-data tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi tal-ittra legali tad-9 ta' Lulju 1997, ta' Lm10 ghall-konsult, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 8 tal-atti):

1. Illi t-talba attrici hija nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi m'huwiex minnu li l-konvenut qatt ta' daqqa ta' sieq fuq il-vettura tal-attur u ghalhekk ma arreka l-ebda danni lill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizat a fol 35 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi meta gara l-incident in esami, il-karozza in kwistjoni kienet qed tintuza minn bint l-attur ossija Claudia Cezek li xehdet (fol 24 et seq ibid) li fil-gurnata in kwistjoni, ghall-habta tas-7pm, hi kienet parkeggat l-istess vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAL 971 gewwa San Gwann quddiem ir-residenza tal-konvenut. Hawnhekk waqt li

kienet ghadha gewwa l-istess karozza, kien wasal il-konvenut bil-vettura tieghu u bejniethom inqala argument dwar parkegg tar-rispettivi vetturi quddiem ir-residenza tal-konvenut. Meta x-xhud qalet lill-konvenut sabiex dan jgib, fuq il-post, il-Pulizija, dan "beda jghajjat (bin-nervi) u spicca biex ta' daqqa ta' sieq fuq il-karozza tieghi" specifikatament fuq il-bieba ta' wara tal-lemin. Ix-xhud issottolineat li "ma kien hemm l-ebda hsara fuq din il-bieba" qabel dan l-incident (ara ukoll ix-xhieda ta' Ivan Cezek, hu r-ragel tal-istess xhud, a fol 28 et seq ibid).

Illi l-attur, proprjetarju tal-istess vettura xehed (Fol 12 et seq ibid) li kien mar fuq il-post tal-incident, wara telefonata mill-istess bintu u hawnhekk ra "dent" fl-imsemmija bieba. Wara li bintu spjegatlu x'kien gara, hu tkellem "mal-persuna in kwistjoni" presumibilment il-konvenut, li informah li l-hsara ma kienx ghamilha hu.

Illi, in sostenn tal-quantum tad-danni pretizi minnu, issir riferenza a fol 14 u 15 tal-atti kif ukoll ghad-dokumenti esebiti mal-istess atti a fol 17 sa 23.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 33 u 34 ibid) ikkonferma li kien hemm l-incident in esami. Pero spjega li fil-vettura tieghu kien hemm "hafna kaxxi tal-luminati" sabiex jinhattu. Inoltre, hu cahad, kategorikament, li ta' daqqa ta' sieq fuq il-karozza involuta skond hu, difatti, il-bankina hemmhekk hi gholja "u kieku tajt daqqa ta' sieq kont nolqot... il-hgiega taghha" u mhux " in-naha ta' isfel" tal-istess bieba.

Ikkunsidrat

Illi, wara li qieset ix-xhieda kif hawn fuq esposti minn fejn jirrisulta li effettivament kien hemm daqqa fuq il-bieba ta' quddiem tal-lemin tal-vettura uzata min bint l-attur, tara li, fuq basi ta' probabilta' il-konvenut, effettivament ta' daqqa ta' sieq fuq l-imsemmija bieba wara li gew konsiderati ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ossija incident li seta' gie facilment evitat b'kooperazzjoni u "buona volonta" da parti ta' bint l-attur u l-konvenut, li setghu facilment jevitaw dak kollu li gara kieku kienu disposti li jaghmlu dak rikjest fuq basi ta' civilta'.

Ikkunsidrat

Illi l-"quantum" ta' danni pretizi ma giex kontestat u bl-ebda mod ma jidher esagerat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur fil-kwalitajiet tieghu premessi s-somma ta' Lm106.95,0 bl-imghax legali mill-21 ta' Awissu 1997 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tad-9 ta' Lulju 1997 u Lm10 ghall-konsult.

Alan Calleja
Dep.Reg